MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 3/1999/1

**Agent Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Carmela Xuereb**

Il-Bord

Ra r-rikors tal-Agent Kummissarju tal-Art li jghid:

"Illi l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim datat 23 t'Ottubru, 1998 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond numru 45, Triq il-Kuncizzjoni, Msida, huwa ta' elfejn u disa' mitt Lira Maltija (Lm2,900.00) kif jidher mir-rapport tal-perit Joe Mizzi A.&C.E tas-6 t'Awissu, 1997 li kopja tieghu, Dok A, hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-13 ta' Novembru, 1998 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hmistax il-elf Lira Maltija (Lm15,000.00)

Ghaldaqstant ir-rikkorent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimata biex tittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Ra in-nota tal-intimata li permezz taghha hija rriducietit-talba taghha ghall-Lm7,300;

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pave u l-Perit AIC Frederic H. Valentino wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Mill kalkoli li ghamilna, ai termini ta' l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88), mehudin in konsiderazzjoni l-fatturi kollha elenkati f'din ir-relazzjoni inkluza l-lokalita' kif ukoll l-estensjoni fizika u konsistenza ta' l-istess proprjeta' edilizia, jidhrilna illi l-valur tal-fond [45] Triq il-Kuncizzjoni, Msida, ghandu jigi awmentat fis-somma ta' disa t-Elef Liri Maltin libera u franka (Lm9,000.00 FREEHOLD).

Illi l-ammont ta’ Lm9,000.00 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 20,964.36 ;

Illi l-perit arkitett tal-awtorita tal-art kien ghamel stima tal-art fl-ammont ta’ Lm2,900.00 filwaqt illi l-perit arkitett tal-intimata iddikjarat illi l-valur rejali tal-art huwa ta’ Lm7,300;

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimata li titrasferixxi bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut , l-fond Numru 45, Triq il-Kuncizzjoni, Msida bil-kumpens ta’ **Euro 20,964.36.** Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-26 ta’ Frar, 2008 fis-2.00 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Marco Ciliberti biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differrenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------